MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 572/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ignazio Anastasi Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**Advance Shipping Limited bhala operaturi tal-bonded stores u BAS Limited bhala rapprezentanti tal-armaturi/charterers tal-bastiment OOCL Harmony jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fl-14 ta’ Gunju, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ sitt mija, u sbatax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm617.27) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti hsarat u/jew nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment OOCL Harmony fil-15 ta’ Gunju, 2000, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta’ attrici.

Bl-imghax legali mill-14 ta’ Gunju, 2001, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, illi gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenut Advance Shipping Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti stante li d-danni allegatament sofferti mill-atturi, mhumiex attribwibbli ghall-operat ta’ jew ghal xi nuqqas minn naha tal-istess socjeta’ eccipjenti.
2. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici trid tipprova d-danni allegatament sofferti mill-assikurat taghha kif ukoll is-surroga taghha fid-drittijiet tal-istess.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici tat-3 ta’ Ottubru, 2001, fejn cediet il-kawza fil-konfront tas-socjeta’ BAS Limited u zammet il-kawza ferm fil-konfront tas-socjeta’ Advance Shipping Limited.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li s-socjeta' Ignazio Anastasi Limited impurtat Malta permezz tal-vapur OOCL Harmony tnax-il (12) *pallet rubber mats* illi waslu Malta fil-15 ta' Gunju, 2000. Din il-merkanzija kienet impurtata Malta go *container* li kien wiehed *groupage*. Il-merkanzija giet dikjarata *exempt* mill-Awtoritajiet tad-Dwana u ghalhekk ittiehdet dritt fl-imhazen tas-socjeta' konvenuta, fejn instab illi s-sigill kien ghadu intatt. Il-*container* infetah mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta fejn hattew il-merkanzija. Hawnhekk gie allegat li nstab u illi kien hemm hames (5) *pallets* illi kienu miftuhin u gew ikkonsenjati lis-socjeta' Ignazio Anastasi Limited f'dik il-kondizzjoni.

Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ghamlet *contidtion report* illi baghatitu lill-kumpanija illi garret il-merkanzija, BAS Limited.

Is-socjeta' Ignazio Anastasi Limited ghamlet *claim* mal-kumpanija assikuratrici illi hallsitha l-ammont ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm579.27c). Kien hemm ukoll xi *survey fees* u b'kollox is-socjeta' attrici qeda titlob is-somma ta' sitt mija, u sbatax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm617.27c).

Terrence Cachia, direttur tas-socjeta' konvenuta xehed illi huwa ma kienx prezenti meta nhatt il-*container* u sar jaf b'dawn ix-*shortages* b'din il-kawza.

L-*unstaffing* tal-*container* sar mill-*bond operator* Alfred Dimech.

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, ghalhekk irrizulta illi meta l-merkanzija telqet mill-esteru, telqet f'kundizzjoni tajba minghajr rimarki kif xehed Ray Buttigieg, l-*Operations Manager* tas-socjeta' BAS Limited, huwa rcieva l-manifest mill-esteru u ra li kollox kien sewwa u ma kien hemm l-ebda rimarki. Barra minn hekk, meta l-*container* wasal Malta, l-ewwel haga illi giet

iccekkjata kienu s-sigilli illi kienu maghmula minn barra u illi kienu ghadhom shah.

Quindi, ghalhekk ma hemm l-ebda prova illi kien hemm xi nuqqasijiet qabel jew waqt it-tragitt ta' din il-merkanzija mill-post ta' originu sa' Malta. Meta mbaghad infetah il-*container*, dan sar mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta biss. Ma kien hemm hadd mill-importatur jew mill-armaturi prezenti meta sar dan. Irrizulta bhala fatt, illi meta l-merkanzija waslet ghand Ignazio Anastasi Limited kien hemm ix-s*hortages* kif murija fis-*survey report*.

Il-Qorti, ghalhekk ragonevolment tassumi illi dawn in-nuqqasijiet saru wara illi nfetah il-*container* meta kien taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Kien fl-interess ta' din is-socjeta' illi meta jinfetah ikun hemm xi rapprezentant ta' l-importatur jew l-armatur sabiex isir xi *tally* halli *shortages* jigu dokumentati u jezimu rwiehom minn kull responsabbilta'. F'dan il-kaz ma sarx hekk. Is-socjeta' konvenuta fethet il-*container* fuq responsabbilta' taghha bir-rizultat li l-merkanzija waslet ghand l-importatur bil-hsarat kif indikati.

Fin-nuqqas ta' prova ohra, ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi probabbilment dawn in-nuqqasijiet saru meta din il-merkanzija kienet fil-pussess jew taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta, f'liema kaz kellha tassigura illi ma ssirilha l-ebda hsara u titwassal ghand l-importatur fl-istess kundizzjoni illi rcievitha. La dana ma sarx, kwindi r-responsabbilta hija taghha u trid terfgha l-konsegwenzi.

Ghal dawn il-motivi,

L-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallashom is-somma ta' sitt mija, u sbatax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm617.27c) rapprezentanti hsarat u/jew nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lis-socjeta' Ignazio Anasatasi Limited u spejjez tas-*survey* relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuti, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment OOCL Harmony fil-15 ta' Gunju, 2000.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali min-notifika ta’ l-Avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta` sokkombenti Advance Shipping Limited appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tar-rizultanzi processwali u l-konkluzjoni taghha kienet bazata fuq presunzjoni erronea. Hi tissottometti li tali konkluzjoni hi kontraddetta mill-provi dokumentarji, senjatament id-Delivery Order. Tikkontendi finalment illi minn dawn il-provi ghandu jirrizulta illi fil-mument li l-importatur ha f’idejh il-pAllets huwa assuma l-kontroll shih u r-responsabilita` ghall-merkanzija ta’ go fihom. Ergo, u “quod erat demonstrandum”, in-nuqqas seta’ avvera wara li saret il-konsenja lill-importatur.

Fil-qosor il-fatti li taw lok ghall-azzjoni prezenti huma s-segwenti:-

i. Mill-polza tal-kariku (fol 39) jirrizulta illi l-merce destinata lill-importatur Ignazio Anastasi Limited, assigurat tas-socjeta` attrici, ingarret flimkien ma’ merkanzija varja ohra f’‘groupage container’;
ii. Il-container gie skarikat minn fuq il-vapur bis-sigill tieghu intatt. Ara deposizzjoni ta’ Terence Cachia (fol 42) direttur tas-socjeta` appellanti. Mal-hatt tieghu fil-Free Port ingarr Hal-Far fl-imhazen tas-socjeta` appellanti fejn sar id-de-stuffing tal-merkanzija kollha stivata fih (vide xhieda ta’ Ray Buttigieg (fol 31), Operations Manager B.A.S. Limited, u tal-imsemmi Terrence Cachia).
iii. Hawn instab illi hamsa mit-tnax il-palletta kellhom il-wicc miftuh (‘top open’). Dan kif annotat fil-Cargo Condition Report (fol 35) li jinghad li sar minn Alfred Dimech, bond operator tas-socjeta` appellanti, li ha hsieb it-‘tallying’ tal-kariku.
iv. Jirrizulta illi waqt li l-merce in kwistjoni kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta` appellanti sar ‘survey’ taghha. Tali survey gie kondott minn Brian Valenzia fil-21 ta’ Gunju 2000 li rrediega rapport dwar in-nuqqasijiet riskontrati (fol 16 u 17 tal-process). Fih infatti jinghad illi “goods were surveyed on the 21st June 2000 at Operator’s

Bonded Stores” u “The Bond Operator took note of the shortages”.
v. Fl-istess jum tal-21 ta’ Gunju 2000 il-merce giet rilaxxjata lir-rapprezentant ta’ l-importatur ossija l-burdnar. Ara Delivery Order a fol 23.
vi. In segwitu ghall-iskoperta tan-nuqqas is-socjeta` assiguratrici attrici irrizarciet lill-importatur id-danni subiti, u fuq il-bazi tas-survey, hallsitu s-somma ta’ hames mija disa u sebghin lira Maltija, seba u ghoxrin centezmu (Lm579.27,0), kif hekk pruvat mis-Subrogation Form (fol 18). Id-differenza bejn din is-somma u dik effettivament mitluba tikkonsisti f’“survey fees”. Ara xhieda ta’ Peter Saliba (fol 13), Claims Handler tas-socjeta` appellata.

Il-Qorti dehrilha li kien opportun li tissenjala l-fatti l-aktar rilevanti tal-kaz biex turi illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mis-socjeta` appellanti, l-istess provi dokumentali mhux biss ma jsostnux l-aggravju taghha izda addirittura jizmentixxu l-asserzjoni taghha illi n-nuqqas seta’ rrizulta wara l-konsenja. Dan ghas-semplici raguni illi mhux minnu illi sa l-istadju li l-merce importata kienet fil-kustodja u kontroll taghha l-kostatazzjoni tad-dannu kienet limitata ghas-semplici fatt illi l-wicc tal-pallets kien imqatta’. Invece, kif hekk rizultanti mis-‘survey report’ u li dina l-Qorti takkordalu l-piz probatorju li jixraqlu, jirrizulta kjarament illi l-istess socjeta` appellanti kellha, gja qabel il-konsenja u rtirar tal-merce, xjenza pjena tan-nuqqasijiet rikontrati ta’ l-‘items’ kontenuti fil-‘pallets’.

Fil-fehma tal-Qorti l-attendibilita` tas-‘survey report’ ghandu jibbasta biex idghajjef u jinnewtralizza l-posizzjoni difensjonali assunta mis-socjeta` appellanti fir-rigward tal-fatti tal-kaz.

Lanqas, imbaghad, ma jservi biex jaghti risalt lill-aggravju tas-socjeta` appellanti l-klawsola ta’ ezoneru apportata fuq id-Delivery Order (fol 23).

Kif gja drabi ohra rilevat, “id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta’ ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tissejjah ‘assicurazione delle colpe proprie’. “**Paul Camilleri et –**

**vs- Paolo Mifsud et**", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957 a Vol XLI pl p616.

Din hi gurisprudenza sana hafna anke ghaliex mhux sewwa li klawsoli generici ta' ezoneru jeludu l-indagini tat-tribunali biex jigi assigurat li r-relazzjonijiet kontrattwali jigu esegwiti fir-rispett shih tad-drittijiet u tal-obbligi assunti.

Il-principju ghandu jibqa' dejjem dak li d-depozitarju ta' oggetti fdati lilu jibqa' responsabbli u jkollu allura jwiegeb ghall-hsarat jew nuqqasijiet fil-merce meta dawn, bhal f'dan il-kaz, jigu addebitati lilu. Kif gie osservat "*klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljievi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere*" – "**Avv. Peter Borg Costanzi nomine –vs- Sullivan Maritime Limited et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

Fuq il-bazi tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt isegwi ghalhekk illi l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti kien ben dirett, u din il-Qorti ssib li gie stabbilit b'mod konkluziv illi meta l-merkanzija kienet fil-kontroll tas-socjeta` appellanti din kellha n-nuqqasijiet li dwarhom qed jigi reklamat il-valur taghhom mis-socjeta` assiguratrici attrici qua surrogata fid-drittijiet tal-importatur.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------